

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI — KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Indikazzjonijiet ġeografiċi mill-Ġeorġia

(2017/C 224/12)

Fil-kuntest tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, u l-Ġeorġia ⁽¹⁾, il-protezzjoni fl-Unjoni Ewropea, bħala indikazzjoni ġeografika, tal-ismijiet Ġeorġjani stabbiliti hawn taħt qed tiġi kkunsidrata.

Il-Kummissjoni tistieden kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz jew kwalunkwe persuna naturali jew legali b'interess leġittimu, residenti jew stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, biex jippreżentaw oppożizzjoni għall-protezzjoni ta' dan it-tip billi jibagħtu dikjarazzjoni sostanzjata kif xieraq.

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jridu jintbagħtu fl-indirizz elettroniku li ġej:

AGRI-A5-GI@ec.europa.eu

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jiġu eżaminati biss jekk jaslu fil-limitu ta' żmien stabbilit hawn fuq u jekk juru li l-protezzjoni tal-isem propost:

- (a) hija f'konflitt mal-isem tal-varjetà ta' pjanta jew razza ta' annimal u għaldaqstant x'aktarx li tqarra lill-konsumatur dwar l-orijini vera tal-prodott;
- (b) hija omonima bis-sħiħ jew parzjalment ma' dik ta' isem diġà protett fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽²⁾ jew li tinsab fil-ftehimiet li l-Unjoni kkonkludiet mal-pajjiżi li ġejjin:
 - Il-Korea ⁽³⁾
 - L-Amerika Ċentrali ⁽⁴⁾
 - Il-Kolumbja, il-Peru u l-Ekwador ⁽⁵⁾
 - Il-Montenegro ⁽⁶⁾
 - Il-Bożnija-Herzegovina ⁽⁷⁾
 - Is-Serbja ⁽⁸⁾

⁽¹⁾ ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/265/UE tas-16 ta' Settembru 2010 dwar l-iffirmar, fl-isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ Ffideles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 127, 14.5.2011, p. 1).

⁽⁴⁾ Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3).

⁽⁵⁾ Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolumbja u l-Perù, min-naħa l-oħra (ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3) u l-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolumbja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (ĠU L 356, 24.12.2016, p. 3).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni 2007/855/KE tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Provviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra (ĠU L 345, 28.12.2007, p. 1).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/474/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra - Il-Protokol 6 (ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2013/490/UE, Euratom tat-22 ta' Lulju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 14).

- Il-Moldova ⁽¹⁾
 - L-Istati EPA SADC (li jikkonsistu mill-Botswana, mil-Lesoto, mill-Mozambique, min-Namibja, mill-Afrika t'Isfel u mis-Swaziland) ⁽²⁾
 - L-Ukrajna ⁽³⁾
 - L-Ġvizzera ⁽⁴⁾
- (c) fid-dawl tar-reputazzjoni u tal-fama tal-marka kummerċjali u t-tul ta' żmien li tkun ilha tintuża, twassal biex tqarra lill-konsumatur dwar l-identità vera tal-prodott;
- (d) tipperikola l-eżistenza ta' isem jew marka kummerċjali bis-sħiħ jew parzjalment identika jew l-eżistenza ta' prodotti li ilhom legalment fis-suq għal mill-inqas ħames snin qabel id-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż;
- (e) jew jekk jistgħu jipprovdut dettalji li minnhom jista' jiġi konkluż li l-isem li għalih qed tiġi kkunsidrata l-protezzjoni huwa ġeneriku.

Il-kriterji msemmija hawn fuq għandhom jiġu evalwati fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni, li fil-każ tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tirreferi biss għat-territorju jew it-territorji fejn l-imsemmija drittijiet huma protetti. Il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż ma għandhiex timplika li l-ismijiet li qed jiġu kkunsidrati se jingħataw fl-aħħar mill-aħħar protezzjoni bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea. Il-protezzjoni possibbli ta' dawn l-ismijiet fl-Unjoni Ewropea hija soġġetta għall-eżitu pożittiv ta' aktar miżuri skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-atti legali sussegwenti.

Indikazzjoni Ġeografika

	Isem li jrid jiġi protett	Traskrizzjoni f'karattri Latini/ Traduzzjoni fl-Ingliż	Tip ta' prodott
1	ახალქალაქის კარტოფილი	Akhalkalakis kartopili/ Akhalkalaki Potato	Potato
2	მაჭახელას თაფლი	Machakhelas tapli/ Machakhela Honey	Honey
3	ტყიბულის მთის ჩაი	Tqibulis mtischai/ Tkibuli Mountain Tea	Tea
4	ქუთაისის მწვანელი	Kutaisis mtsvanili/ Kutaisi Greens	Greens

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/7/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 10, 15.1.2013, p. 1).

⁽²⁾ Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra (ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3).

⁽³⁾ Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u b'mod partikolari il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar in-Negożju fi Prodotti Agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).